semgħet l-isem ta' binha; f'daqqa waħda, bħal milquta minn sajjetta, waqgħet fl-art kobba mitlufa minn sensiha. Imsejkna Rita!

Toninu, fil-waqt li kien ġej lura lejn id-dar b'bukkett ward li jgħaxxaq, jilmaħ ġilju selvaġġ abjad ħalib għad-dell ta' żewġ blatiet kbar li kienu jagħtu għal fuq il-wied ta' taħthom. Jt-tifel imsaħħar mill-ġmiel ta' dik il-warda: "Inġibha"—qal—"u tara ommi kemm tifraħ biha!". Kemm ili ngħidlek, Toninu jitlaq fl-art il-bukkett u jerħilha għal fuq il-blata. Ixxabbat, tala', niżel; iżda, kif medd riġlejh fuq xifer il-blata l-oħra, fil-waqt li sa jagħti s-salt għall-ġilju, tqaċċtet il-blata ta' idu u l-imsejken tgerbeb għar-rdum ta' taħtu. Rasu tfarrket, ġismu sar trietaq, hekk li wieħed mill-ħaddiema li rawh jaqa', kellu jkebbu ġewwa xkora biex iwasslu sa l-għassa tal-pulizija tar-raħal.

Pawlu l-mastrudaxxa, meta sema' bil-mewt kerha ta' ibnu, beka u għela; iżda, bil-ftit il-ftit, issabbar u ħa kollox minn idejn Alla. Imma mhux hekk għamlet martu; id-dmugħ ma qatax għal ħin wieħed biss minn għajnejha; kompliet tagħli sa ma ġġennet. Bdiet ta' kuljum tiġġerra mat-toroq tfittex u tistaqsi għal Toni tagħha. Mhux l-ewwel darba li qabdet it-tfal tbushom u tgħannaqhom ma' ħdanha. Kien fiha ħasra! Xi drabi kienet tgħid li tisma' lil binha jsejħilha u jċanfarha talli kienet tħallih waħdu ġewwa dak il-ħondoq; hi wegħditu li tmur ħdejh u tagħtih kull għajnuna. L-imsejken Pawlu ma satax ifehimha li dak kien taħwid ta' rasha u li Toninu kien il-Ġenna; l-anqas ma sata' jindokraha l-jum kollu.

Għodwa waħda, Rita dehrilha tisma' lil binha jsejħilha iktar bil-qawwi u bill-ħniena. Qamet bl-inkiss inkiss; ħarġet mid-dar u ġibdet għan-naħa mnejn kien ġej il-leħen. Kif waslet fuq xifer il-blat għoli ttawlet għal isfel; leħħa ta' dawl farrġitilha qalbha: donnha rat lil binha jħares lejha.

"Toninu..."—sejħitlu minn dak il-għoli.

"Ma...; Ma..."—dehrilha jweġibha t-tifel.

"Tibżax ibni, ġejja ħdejk"—qaltlu.

"Ejja la ddumx,..." u kif dehrilha li semgħet din l-aħħar kelma, tieħu salt qawwi għal isfel u marret għal dejjem ħdejn binha l-Ġenna.

P. Pawl Tabone o.f.m.

## B'tifkira ta' oħti Ġużeppina

### li mietet fl-ewwel ta' Novembru 1940

B'GĦAJNEJHA MSAMMRA FUQ ĠESÚ MSALLAB
B'ISMU JITRIEGĦED FUQ XUFFTEJHA MBEXXQA
IMDAWRA B'ĦUTHA L-EGĦŻIEZ
U BIS-SORIJIET TWAJBA
MAGĦQUDIN KOLLHA F'TALBA WAĦDA
RADDET RUĦHA LIL ALLA
IX-XEBBA

**ĠUŻEPPINA SAYDON**

FI DĦUL GĦID L-IMWIET
BIEX TISSIEĦEB MAL-ERWIEĦ QADDISA
U MAGĦHOM TIEĦU L-ĦLAS TA' DEJJEM
TA' QALB SAFJA
TA' ĦEDMA MĦEĠĠA
TA' MĦABBA MĠARRBA BL-EĦREX TBATIJA

---

F'NOFS IL-MIXJA TA' ĦAJTEK
BĦAL MIN JIEQAF GĦAJJIEN
WAQAFT
OĦTI L-GĦAŻIZA
GĦALXEJN RIDT LI NIBQGĦU MEXJIN FLIMKIEN
GĦALXEJN TLABTEK MA TĦALLINIX WAĦDI
AKTAR MILLI ĦABBEJTEK JIEN
ĦABBEK IS-SEMA
LI MIN-NIKET U MID-DMUGĦ
TA' DID-DINJA ĦARĠEK
U DAĦĦLEK
FEJN UĠIGĦ MA JAĦQAR
FEJN DMUGĦ MA JIĠRI
IMMA L-ĦENA BISS ISALTAN
F'GĦAQDA TA' MĦABBA BLA TMIEM

P.P. SAYDON